MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Numru 1152/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur J.Borg)**

**vs**

**ABDUL KERIM TARHUNI**
**MARK BONGAILAS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Abdul Kerim Tarhuni ta’ 17-il sena, bin Mustafa Abdul Aziz Tarhuni u Josephine nee’ Carabott, imwieled il-Pieta’, fis-7 ta’ Ottubru, 1989 u joqghod fil-font numru: 103, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 0471789(M).

U

Mark Bongailas ta’ 16-il sena, bin Salvu u Theresa nee’ Cordina, imwieled il-Pieta’, fil-15 ta’Dicembru, 1989, u joqghod fil-font numru: 9, Telghet Hanover, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 0005090(M).

A) BILLI gew akkuzati talli, fil-lejl ta’ bejn is-16 u s-17 ta’ Frar, 2006, ghal habta ta’ 10.00 ta’ billejl, minn vettura ta’ l-ghamla Lada, mudell Samara, ta’ lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni: CAB-469, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Brittanja, Rahal Gdid, ikkommettew s-serq ta’ ‘car stereo’, mudell u numru tas-serje mhux maghrufa, liema ‘car stereo’ jiswa madwar Lm30 ghad-dannu ta’ Raymond Cordina minn Rahal Gdid, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta ta’ haga misruqa u dana bi ksur ta’ l-artikli 263, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B) U aktar akkuzati talli fl-istess data, hin u lok ikkawzaw hsarat volontarji fuq il-vettura ta’ l-ghamla Lada, mudell Samara, ta’ lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni: CAB-469, li kienet tinsab ipparkeggata fi Triq Brittanja, Rahal Gdid, liema hsara teccedi l-Lm50 izda mhux izjed minn Lm500, ghad-detriment ta’ Raymond Cordina minn Rahal Gdid u persuni ohra u dana bi ksur ta’ l-art. 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

C) Akkuzati wkoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement, f’Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dana bi ksur ta’ l-art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mall-hatra ta’ l-esperti skont l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JB5 fl-atti tal-kawza u nnutat li l-imputati Abdul Kerim Tarhuni u Mark Bongailas m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati iddikjaraw li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv l-akkuza C) li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv l-akkuza C) li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Jesmond Borg ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li l-akkuza C) migjuba kontra z-zewg imputati li tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza A) migjuba kontra l-imputati li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza C) migjuba kontra z-zewg imputati. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u id-Difiza iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati iz-zewg imputati kienu t-tnejn taht it-tmintax il-sena.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 17, 31, 37, 261(b), (f) u (g), 263, 270, 271(g), 278(3) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Abdul Kerim Tarhuni u Mark Bongailas, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv l-akkuza C) li tirigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-konfront taz-zewg imputati japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-fedina penali netta taz-zewg imputati u wara li rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati Abdul Kerim Tarhuni u Mark Bongailas ghall-piena komplessiva ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin millum l-imputati Abdul Kerim Tarhuni u Mark Bongailas jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-akkuza C) li tirrigwarda ricetazzjoni u li giet migjuba fil-konfront taz-zewg imputati, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur Jesmond Borg ghall-Prosekuzzjoni rigward din l-imsemmija akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija akkuza C) migjuba kontra z-zewg imputati u li tirrigwarda ricettazzjoni.

Inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula fit-Tahrika a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-istess Ufficjal Prosekutur rigward din l-imsemmija talba kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imsemmija talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Abdul Kerim Tarhuni u Mark Bongailas l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------